



2024/736

5.3.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/736

tal-1 ta' Marzu 2024

dwar Kodiċi ta' Prattika dwar l-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) L-involvement qawwi taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien huwa essenzjali biex jitħaffef l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u biex jiġu żviluppati teknoloġiji, prodotti u servizzi ġodda biex jiġu indirizzati l-aktar sfidi urġenti tas-soċjetà, filwaqt li jiġu żgurati tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali ⁽¹⁾.
- (2) Il-Kodiċi ta' prattika dwar l-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien jirrifletti d-direzzjonijiet ġodda introdotti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, minħabba li jinkoraġġixxi l-konnessjonijiet u l-ħolqien konġunt bejn l-atturi kollha tar-R&I u jenfasizza l-importanza tal-ħiliet u l-prattiki intraprenditorjali ⁽²⁾. Huwa jikkontribwixxi wkoll għall-azzjoni għal "Aġġornament tal-gwida tal-UE għal valorizzazzjoni aħjar tal-għarfien" li hija parti mill-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għall-2022-2024 ⁽³⁾.
- (3) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġenda Ewropea ġdida għall-innovazzjoni jiddikjaraw li l-komunitajiet, l-ibliet u r-reġjuni għandhom rwol qawwi biex jibnu ekosistemi u strateġiji ta' tkabbir globalment kompetittivi fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Barra minn hekk, huma jafferimaw mill-ġdid il-hteġa li jinkoraġġixxu lill-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEIs) itejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex jinvolvu ruħhom mal-ekosistemi tagħhom, inklużi l-atturi tas-soċjetà, billi jrawmu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa ⁽⁴⁾.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa titlob involvement aktar attiv taċ-ċittadini u tas-soċjetà fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu promossi fid-dimensjonijiet kollha tagħha, titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tan-nies, tiġi żgurata diversità akbar ta' approċċi għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni u sabiex ir-riċerka u l-innovazzjoni jsiru aktar rilevanti għas-soċjetà ⁽⁵⁾.
- (5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ⁽⁶⁾ dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jagħmlu enfasi speċifika fuq skemi li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet meħtieġa mir-riċerkaturi biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien u jippromwovu u jappoġġaw sistemi għall-valutazzjoni u l-ippremjar tar-riċerkaturi li, fost l-oħrajn, jirrikonoxxu diversità ta' outputs u attivitajiet, inkluża l-interazzjoni mas-soċjetà.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Research & innovation valorisation channels and tools – Boosting the transformation of knowledge into new sustainable solutions*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020

⁽²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141).

⁽³⁾ Annessa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

⁽⁴⁾ Id-dokument tal-Kunsill 14705/22

⁽⁵⁾ Id-dokument tal-Kunsill 13701/21

⁽⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1640/oj>).

- (6) It-tranżizzjoni għal xjenza miftuħa u l-bidla lejn innovazzjoni miftuħa jirrappreżentaw kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet fl-ekosistema tar-R&I li qed tevolvi. L-approċċ tax-xjenza taċ-ċittadini kiber fl-importanza bħala element ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex tittejjeb ir-riċerka, filwaqt li l-involvement taċ-ċittadini u tas-soċjetà fir-R&I jżid ir-rilevanza tar-riċerka għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-fiduċja fix-xjenza. Jenħtieġ li dawn l-iżviluppi jiżguraw l-eċċellenza u l-impatt tal-investiment tal-Unjoni fir-R&I, filwaqt li jissalvagwardjaw l-interessi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, is-Sett ta' Għodod dwar l-Indirizzar tal-Interferenza Barranija tar-R&I ⁽⁷⁾ jgħin biex titqajjem kuxjenza u tinbena r-reżiljenza fis-settur tar-R&I madwar l-Ewropa biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka f'attivitajiet konġunti tar-R&I ⁽⁸⁾.
- (7) L-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien jippreżenta opportunitajiet u sfidi minħabba li jista' jinvolvi atturi differenti bħal universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, negozji, inklużi intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs), komunitajiet u municiplitalitajiet lokali, organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs), gruppi taċ-ċittadini, sħab soċjali, istituzzjonijiet tal-arti u l-kultura, b'kompetenzi u kontribuzzjonijiet uniċi għal valorizzazzjoni tal-għarfien li jħalli impatt ⁽⁹⁾.
- (8) Jenħtieġ li l-involvement taċ-ċittadini jkun prattika standard fil-valorizzazzjoni tal-għarfien, speċjalment meta dan jikkonċerna rispons aħjar għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u jkun ta' benefiċċju għas-soċjetà, minbarra l-ixprunaturi tradizzjonali tal-profitt. Jenħtieġ li dan jippromwovi involvement sostenibbli u rikorrenti ta' gruppi u komunitajiet f'ambjent abilitanti fejn il-benefiċċji u l-valur maħluqa huma rikonnoxxuti u l-organizzazzjonijiet jiżviluppaw approċċi strateġiċi biex jippromwovuh.
- (9) L-għan tal-Kodiċi ta' prattika dwar l-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien huwa li jipprovdi gwida effettiva u għodod rilevanti għall-atturi involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Tli-Kodiċi ta' prattika se jappoġġa lill-atturi tar-R&I biex joħlqu ambjent abilitanti, jgħin biex jiġu stabbiliti proċessi u prattiki parteċipattivi u jikkontribwixxi għall-involvement sostenibbli taċ-ċittadini sabiex is-soluzzjonijiet innovattivi u bbażati fuq l-għarfien jitqabblu aħjar mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini.
- (10) Il-Kodiċi ta' prattika jibni fuq il-kontribut mill-komunità ta' prattika dwar l-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, u huwa infurmat ukoll mis-sejbiet ta' studju dwar l-aħjar prattiki tal-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien ⁽¹⁰⁾.
- (11) L-atturi kollha tar-R&I, bħal universitajiet u HEIs oħrajn, organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija, infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, negozji ta' kull daqs, daww li jfasslu l-politika u atturi oħrajn bħal bliet u komunitajiet, gruppi tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini, u intermedjarji, bħal professjonisti tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija, inkubaturi, parks tax-xjenza, laboratorji, ċentri, huma mħeġġa jseguw dan il-Kodiċi ta' prattika.
- (12) Ir-rakkomandazzjonijiet taħt il-punt 2 tal-Kodiċi ta' Prattika huma fformulati fil-livell organizzazzjonali, għalkemm il-kontenut tagħhom huwa kruċjali wkoll biex jiggwida lil riċerkaturi individwali, innovaturi, prattikanti fl-involvement taċ-ċittadini u t-timijiet tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt il-punt 3 tal-Kodiċi ta' Prattika għandhom l-għan li jiggwidaw l-azzjonijiet tal-prattikanti li jfasslu u jmexxu programmi u inizjattivi ta' involvement taċ-ċittadini, kif ukoll lill-atturi u l-partijiet ikkonċernati kollha li għandhom rwol ewlieni fis-suċċess tagħhom (ċittadini, riċerkaturi, industrija, intermedjarji, daww li jfasslu l-politika u oħrajn).
- (13) Din il-gwida se tkompli ssaħħaħ l-ambjent vibranti tar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan iż-ŻER biex jiġi rikonnoxxut aħjar il-potenzjal tal-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien li jħalli impatt u għat-trasformazzjoni pożittiva tas-soċjetà.

⁽⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Tackling R&I foreign interference – Staff working document*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

⁽⁸⁾ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika (JOIN/2023/20 final)

⁽⁹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Fostering knowledge valorisation through the arts and cultural institutions*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

⁽¹⁰⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Fostering Knowledge valorisation through citizen engagement*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "valorizzazzjoni tal-għarfien" hija l-proċess tal-ħolqien ta' valur soċjali u ekonomiku mill-għarfien billi tgħaqqad oqsma u setturi differenti u billi tittrasforma d-*data*, l-għarfien espert u r-riżultati tar-riċerka fi prodotti, servizzi, soluzzjonijiet u politiki bbażati fuq l-għarfien sostenibbli li jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà ⁽¹¹⁾;
2. "involvement taċ-ċittadini" jirreferi għall-involvement taċ-ċittadini fil-proċessi parteċipattivi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, biex jittejbu l-kwalità, it-trasparenza u s-sjieda tal-politiki fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE ⁽¹²⁾, li kien appoġġat bis-sħiħ mill-Konferenza għall-Futur tal-Ewropa u l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej li ħarġu minnha biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri u biex l-għodod ġodda jiġu adattati permezz ta' bordijiet taċ-ċittadini foqasma ewlenin ⁽¹³⁾. Dan huwa marbut ukoll mal-portal imġedded Semma' Leħnek, inkluża l-Pjattaforma online għall-Involvement taċ-Ċittadini.
3. "xjenza taċ-ċittadini" tirreferi għall-parteċipazzjoni volontarja ta' xjenzati mhux professjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni fi stadji differenti u fl-ivelli differenti ta' involviment, mit-tfassil ta' aġendi u politiki ta' riċerka, għall-ġbir, l-ipproċessar u l-analiżi tad-*data*, u l-valutazzjoni tal-eżiti tar-riċerka ⁽¹⁴⁾;
4. "involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien" jirreferi għall-involvement taċ-ċittadini, tal-gruppi taċ-ċittadini, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet ma' atturi tar-R&I biex jivvalorizzaw ir-riżultati tal-għarfien u tar-riċerka għal soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-soċjetà, jgħinu fl-isfruttament tal-opportunitajiet tas-suq u jinfurmaw it-tfassil tal-politika. Dan jinkiseb permezz tal-kummerċjalizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-iskjerament fil-post tax-xogħol jew fis-soċjetà ta' prodotti, teknoloġiji jew servizzi innovattivi li jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti, permezz tal-ħolqien ta' valur għas-soċjetà li ma jkunx monetizzat, permezz tal-għoti ta' informazzjoni lil daww li jfasslu l-politika, u t-titjib tat-tfassil tal-politika, kif ukoll permezz tas-sensibilizzazzjoni, il-kultivazzjoni tal-ħiliet u l-għarfien u l-iżvilupp ta' mudelli ta' organizzazzjoni, konsum u produzzjoni ġodda li jappoġġaw il-bidliet fil-imġiba u t-trasformazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà. ⁽¹⁵⁾
5. "akkademiċi" tirreferi għal universitajiet u istituzzjonijiet oħrajn tal-edukazzjoni għolja, inklużi organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka u t-teknoloġija ⁽¹⁶⁾, universitajiet tax-xjenza applikata u istituzzjonijiet oħrajn tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għolja;
6. "assi intellettuali" tfisser kwalunkwe riżultat jew prodott iġġenerat minn kwalunkwe attività ta' R&I (bħal drittijiet tal-proprjetà intellettuali, , għarfien espert, prototipi, proċessi, Prattiki, teknoloġiji, software) ⁽¹⁷⁾;
7. "xjenza miftuħa" tfisser approċċ għall-proċess xjentifiku bbażat fuq hídma kooperattiva miftuħa, għodod u tixrid ta' għarfien, kif stabbilit fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁸⁾;
8. "innovazzjoni miftuħa" tfisser l-approċċ tal-ftuħ tal-proċess ta' innovazzjoni barra minn organizzazzjoni ⁽¹⁹⁾;
9. "aċċess miftuħ" tfisser aċċess, ipprovdut mingħajr hías lill-utent finali, għal *data* ta' riċerka, inklużi pubblikazzjonijiet xjentifiċi, f'konformità mal-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 39(3) tar-Regolament (UE) 2021/695.

⁽¹¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/2415.

⁽¹²⁾ Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, *From local to European: Putting citizens at the centre of the EU agenda*, id-Direttorat għall-Komunikazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, 2019

⁽¹³⁾ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa — Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

⁽¹⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Citizen Science – Elevating research and innovation through societal engagement*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

⁽¹⁵⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Fostering Knowledge valorisation through citizen engagement*, , l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

⁽¹⁶⁾ Adattata mid-definizzjoni tas-settur akkademiku fil-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja Annotat ta' Orizzont 2020

⁽¹⁷⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/499 tal-1 ta' Marzu 2023 dwar Kodiċi ta' Prattika dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali għall-valorizzazzjoni tal-għarfien fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ĠU L 69, 7.3.2023, p. 75)

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

⁽¹⁹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2023/499.

2. Il-bini ta' ambjent favorevoli għall-involviment sostenibbli taċ-ċittadini

2.1. Huwa rrakkomandat li fil-livell organizzazzjonali tiġi adottata strateġija ta' involviment għall-ħolqien ta' valur fi ħdan qafas ta' azzjoni konsistenti, billi:

- jiġu definiti l-oġettivi tal-involviment mal-partijiet ikkonċernati involuti (bħaċ-ċittadini u l-gruppi taċ-ċittadini, l-ibliet u l-komunitajiet, l-akkademiċi, is-sħab industrijali u dawk li jfasslu l-politika), kif ukoll l-inċentivi u l-aspettattivi tagħhom;
- jiġi żviluppat raġunament ċar u trasparenti li jispjega kif l-involviment taċ-ċittadini jagħti valur għas-soċjetà;
- jiġu identifikati l-perkorsi tal-impatt fuq perġodu ta' żmien qasir, medju u twil, speċjalment b'kont meħud tal-oġettivi ewlenin li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini b'soluzzjonijiet innovattivi u jitwettqu l-oġettivi ta' politika relatati mar-R&I inklużi, fejn possibbli, l-impatti potenzjali addizzjonali għal dawk fil-mira, bħall-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini, iż-żieda fil-fiduċja fix-xjenza u l-impatt fuq il-ħiliet taċ-ċittadini (l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi ġodda, bħal dawk relatati mal-parteċipazzjoni ċivika, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenitorija);
- jiġi żviluppat pjan direzzjonali tal-valorizzazzjoni biex jiġi żgurat li l-involviment taċ-ċittadini jissarraff f'valur għall-ekonomija u għas-soċjetà, inklużi r-riżorsi meħtieġa biex jiġu ġġenerati impatti soċjetali u ekonomiċi. Jenħtieġ li dan jinkludi l-ippjanar xieraq tal-istadji kollha tal-azzjoni u speċjalment tal-istadji ta' segwitu, l-iżgurar tal-involviment ta' atturi privati u pubbliċi li se jimpenjaw ruħhom lejn l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet (inklużi l-iżviluppi ulterjuri meħtieġa biex jintlaħaq stadju ta' skjerament). Jenħtieġ li l-pjan direzzjonali tal-valorizzazzjoni jippjana wkoll il-kapaċitajiet u (l-aċċess għal) ir-riżorsi meħtieġa biex jippromwovi l-adozzjoni, bħal mill-industrija, mill-akkademiċi u minn dawk li jfasslu l-politika, inklużi l-bliet u l-komunitajiet. Jenħtieġ li jikkunsidra wkoll il-mezzi biex jinġiebu s-soluzzjonijiet fis-suq u fis-soċjetà, bħall-finanzjament pubbliku, il-finanzjament kollettiv, l-appoġġ għan-negozju, eċċ.;
- inkluż qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, anki għall-valutazzjoni tal-valur soċjetali u ekonomiku derivat mill-proċess tal-involviment taċ-ċittadini.

2.2. Il-bini ta' kapaċitajiet u l-iżvilupp ta' sinerġiji huma elementi ewlenin fl-involviment effettiv taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien. Huwa rrakkomandat li:

- jiġu pprovduti taħriġ u żvilupp tal-ħiliet lill-membri kollha tal-persunal involuti fil-valorizzazzjoni tal-għarfien biex jiżiedu l-involviment tas-soċjetà u l-użu ta' prattiki u proċessi parteċipattivi;
- jinbena għarfien espert b'saħħtu fil-prattiki parteċipattivi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi permezz ta' programmi ta' bini tal-kapaċità għall-uffiċjali pubbliċi u jiġu inklużi ħiliet għall-ħolqien konġunt u l-involviment taċ-ċittadini fil-qafas tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet pubbliċi kollha tar-R&I u tal-korpi li jfasslu l-politika;
- jiġu identifikati l-komplementarjetajiet u jinbnew sinerġiji ma' inizjattivi, pjattaformi u programmi oħrajn, kif ukoll ma' kumpaniji privati li huma attivi f'dan il-qasam;
- jiġu esplorati kontinwament il-politiki, il-programmi u l-istrateġiji lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE rilevanti eżistenti.

2.3. Huwa rrakkomandat li jiġi adottat approċċ ta' kollaborazzjoni transdixxiplinarju u transsettorjali u li jiġu ġestiti b'mod xieraq l-assi intellettuali. Dan jeħtieġ:

- l-użu ta' opportunitajiet għall-kollaborazzjoni bejn setturi u oqsma differenti bħat-teknoloġija, in-negozju, is-soċjetà ċivili u x-xjenzi kollha, inklużi x-xjenzi soċjali, l-istudji umanitarji u l-arti, biex jinħolqu programmi u skemi transdixxiplinarji;
- il-kunsiderazzjoni tal-ġestjoni tal-assi intellettuali, f'konformità mal-Kodiċi ta' prattika dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali għall-valorizzazzjoni tal-għarfien fiż-ŻER⁽²⁰⁾, bil-għan li jiġu indirizzati l-għarfien ta' sfond tal-parteċipanti kollha, l-innovazzjoni miftuħa, ix-xjenza miftuħa, l-użu tad-data għall-ħolqien konġunt ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-użu u l-kondiviżjoni tar-riżultati;
- il-mira li jiġi rikonoxxut il-kontribut ta' kulħadd għar-riżultati, billi jiġu definiti dispożizzjonijiet ċari dwar is-sjeda - jekk possibbli mill-bidu tal-azzjoni, u li jiġu rikonoxxuti l-kontribuzzjonijiet taċ-ċittadini, inkluż fi preżentazzjonijiet, pubblikazzjonijiet xjentifiċi, manuskritti u deskrizzjonijiet tar-riżultati u l-prodotti finali;

⁽²⁰⁾ Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2023/499.

- l-adozzjoni ta' approċċ ta' aċċess miftuħ, fejn xieraq, biex jitrawwem l-użu mill-ġdid tar-riżultati;
- l-iżgurar li l-privatezza, il-kunfidenzjalità u l-prinċipji etiċi jiġu rrispettati fil-ġestjoni tal-assi intellettuali, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tad-*data* u t-tixrid u l-kondiviżjoni tar-riżultati.

2.4. Sabiex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali, id-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huwa rrakkomandat li:

- l-istrateġija ta' involviment tiġi adattata sabiex jiġu involuti l-gruppi fil-mira kollha, inklużi persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli jew emarġinata, dawk li ma humiex irrappreżentati biżżejjed, iż-żgħażaġh, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, billi jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni, inkluż iżda mhux esklussivament minħabba nuqqas ta' ħiliet u riżorsi rilevanti;
- jitqies li ċ-ċittadini jistgħu jinvolvu ruħhom fl-azzjoni fi gradi differenti, b'xi wħud ikunu jistgħu jiddedikaw aktar ħin u riżorsi minn oħrajn;
- jinkisbu l-interdixiplinarjetà u l-komplementarjetà fil-gruppi tar-riċerkaturi, filwaqt li jinkiseb tqabbil tajjeb maċ-ċittadini u ma' atturi oħrajn;
- jiġu inklużi, meta jkunu meħtieġa, ħiliet u profili professjonali speċifiċi, pereżempju, esperti għall-faċilitazzjoni u l-medjazzjoni, esperti legali biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-assi intellettuali u esperti fl-involviment taċ-ċittadini, kif ukoll esperti fl-inklużività, fid-diversità u fl-etika.

2.5. Jenħtieġ li l-programmi ta' involviment taċ-ċittadini jkollhom l-għan li jippromwovu r-replikazzjoni u l-iskalabbiltà tal-azzjonijiet u l-proġetti ta' involviment taċ-ċittadini meta jkun xieraq, billi:

- jappoġġaw l-użu tal-oqfsa, is-sett ta' għodod u l-linji gwida eżistenti u, kif meħtieġ, l-iżvilupp ta' dawk ġodda, li jistgħu jiġu adattati u użati faċilment mill-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet skont il-ħtiġijiet tagħhom ⁽²¹⁾;
- jippromwovu l-kondiviżjoni u l-aċċessibbiltà tal-għodod u l-linji gwida, tal-aħjar prattiki u tat-tagħlimiet meħuda;
- jinvolvu l-intermedjarji rilevanti li fil-biċċa l-kbira jistgħu jiffaċilitaw l-interazzjoni mal-komunitajiet ikkonċernati u jiggwidaw il-proċessi għar-replikazzjoni u t-kabbir, meta rilevanti u kif xieraq, filwaqt li jqisu kwalunkwe speċifiċità tal-kuntest;
- jagħmlu użu minn pjattaformi li jlaqqgħu flimkien il-partijiet ikkonċernati differenti tar-R&I (ir-riċerkaturi u l-akkademiċi, is-soċjetà ċivili, l-industrija, il-prattikanti u dawk li jfasslu l-politika) ⁽²²⁾;
- jiffaċilitaw l-użu tal-pjattaformi diġitali disponibbli u r-repożitorji tal-għarfien pubbliku ⁽²³⁾ li jiddokumentaw l-isfidi u l-opportunitajiet ta' eżempji tal-aħjar prattika f'azzjonijiet ta' involviment taċ-ċittadini fit-tul u jiżguraw il-viżibbiltà u s-sostenibbiltà tagħhom;
- jiżviluppaw linji gwida speċjalizzati u mfassla apposta għall-implimentazzjoni prattika fuq il-post, filwaqt li jingranaw ukoll l-istudji ta' każijiet rilevanti minn kuntesti simili kull meta jkun possibbli.

2.6. Huwa rrakkomandat li jiġu rikonnoxxuti u vvalorizzati l-ħin imqatta' u l-isforzi li jsiru minn dawk involuti fil-proċess tal-involviment taċ-ċittadini, inkluż permezz ta':

- l-appoġġ għall-iżvilupp ta' inċentivi u gwadanji, bħal premjijiet, skemi ta' rikonnoxximent pubbliku/formali fil-livell lokali bħal minn muniċipalitajiet, assoċjazzjonijiet taċ-ċittadini, istituzzjonijiet pubbliċi, akkademiċi u korpi ta' finanzjament;
- ir-rikonnoxximent u l-ippremjar fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-riċerkaturi, abbażi tal-ħidma tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA).

⁽²¹⁾ Pereżempju, il-gwida u l-għodod miċ-Ċentru ta' Kompetenza għad-demokrazija partecipattiva, *Do it yourself (DIY) manual form obilising and engaging stakeholders and citizens in climate change adaptation planning and implementation, and the Corporate Guidance for Citizen Engagement* (Dicembru 2023)

⁽²²⁾ Bħall-Komunità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà (CERIS)

⁽²³⁾ Bħall-pjattaforma ta' valorizzazzjoni tal-għarfien tal-UE, il-pjattaforma tal-UE dwar ix-xjenza taċ-ċittadini, il-pjattaforma tal-Laboratorji Ħajjin

2.7. Huwa rrakkomandat li jiġu appoġġati azzjonijiet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-valorizzazzjoni tal-għarfien, inkluż permezz ta':

- l-organizzazzjoni ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni pubblika li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi organizzazzjonijiet komunitarji u mingħajr skop ta' qligħ, awtoritajiet lokali, akkademiċi u negozji;
- il-promozzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ fi ħdan kull organizzazzjoni indirizzati lill-persunal tagħhom stess;
- it-trawwim tal-involvement taċ-ċittadini permezz ta' azzjonijiet iddedikati, bħal kampanji, assemblej pubbliċi u pjattaformi online.

2.8. Huwa rrakkomandat li fil-livell organizzazzjonali jiġi adottat qafas ta' evalwazzjoni definit b'mod ċar biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-involvement taċ-ċittadini u tal-proċessi parteċipattivi li jwasslu għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, billi:

- jiġu definiti indikaturi u metriċi kwantitattivi u kwalitattivi xierqa biex tiġi evalwata l-azzjoni ta' involviment taċ-ċittadini, li jkunu allinjati mal-oġġettivi tal-azzjoni u jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, abbażi ta' viżjoni komuni li ġiet diskussa, definita u mifhuma b'mod konġunt minn kulħadd;
- jitqies li l-indikaturi tal-output użati b'mod komuni jistgħu jkunu limitati meta jiġu biex jipprovdu fehim komprensiv tal-effikaċja tal-proċess parteċipattiv u hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-outputs u jivvalutaw l-eżiti u l-impatti tal-azzjoni konkreta;
- jiġu kkunsidrati l-oqsma ewlenin għal qafas ta' evalwazzjoni, bħas-sensibilizzazzjoni, li tinvolvi eżami dettaljati ta' min huwa involut u t-termini skont liema jseħħ l-involvement, l-attivitajiet parteċipattivi, li jivvalutaw kif id-diversi atturi huma involuti fil-proċess, u l-ħolqien tal-valur, li jinvolvi l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-benefiċċji mill-proċess parteċipattiv.

3. Il-ġestjoni tal-involvement taċ-ċittadini għall-valorizzazzjoni tal-għarfien

3.1. Huwa rrakkomandat li jiġu identifikati u miftiehma b'mod ċar l-inċentivi u l-aspettattivi tas-sħab kollha. Dan jirrikjedi li:

- jiġu definiti u kkomunikati b'mod ċar l-inċentivi li l-atturi differenti għandhom biex jinvolvu ruħhom għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, b'mod partikolari:
 - (a) l-inċentivi għaċ-ċittadini, li jistgħu jinkludu r-rikonoxximent, sens imsaħħa ta' appartenenza għal komunità, il-kondiviżjoni tal-għarfien, sens ta' setgħa, kontribut sinifikanti, l-involvement fix-xjenza, it-tagħlim ta' xi ħaġa ġdida, il-bini ta' ħiliet ġodda bħal fil-ġestjoni tal-proġetti u fl-intraprenditorija u l-kisba ta' għotjiet materjali;
 - (b) l-inċentivi għar-riċerkaturi, li jistgħu jinkludu r-rikonoxximent formali għall-isforzi u r-rwol tagħhom fil-komunità, l-oportunitajiet ta' karriera u ta' mobbiltà, in-networking u l-bini ta' kollaborazzjonijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati, kif ukoll l-avvanzi fil-qasam tagħhom, u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet b'impatt soċjetali u ekonomiku għoli;
 - (c) l-inċentivi għall-industrija, li jistgħu jinkludu l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi li jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u li juru responsabbiltà soċjali korporattiva;
 - (d) l-inċentivi għal dawk li jfasslu l-politika u għal partijiet ikkonċernati oħrajn tas-settur pubbliku, li jistgħu jinkludu tfassil aħjar tal-politika u t-twassil ta' soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà, flimkien ma fiduċja u trasparenza akbar fit-tfassil tal-politika.
- jiġi żgurat li l-inċentivi jallinjaw mal-prinċipji u l-valuri etiċi, b'mod partikolari meta jiġu ttrattati suġġetti sensitivi jew komunitajiet vulnerabbli;
- jitqies il-kuntest kulturali u jiġu kkunsidrati d-differenzi kulturali fil-mod kif l-inċentivi huma pperċepiti u vvalutati;

- jiġu identifikati l-aspettattivi tal-parteċipanti u b'mod partikolari dawk taċ-ċittadini, ir-riċerkaturi, l-industrija, dawk li jfasslu l-politika li jużaw proċess ta' ħolqien konġunt, fejn l-aspettattivi jiġu żviluppati b'mod kollaborattiv;
- titqies il-ħtieġa għall-flessibbiltà u l-adattament u jiġi żgurat li l-aspettattivi jibqgħu allinjati mal-kuntest u l-għanijiet li qed jevolvu tal-involvement, u jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw u jsoġu l-kunflitti meta l-aspettattivi ma jintlaħqux jew meta jinqalgħu kunflitti, b'mod trasparenti li jsaħħaħ il-fiduċja.

3.2. **Huwa rrakkomandat li jinżamm l-impetu matul il-proċess kollu ta' involvement, billi:**

- jiġi żgurat ambjent li jrawwem il-prinċipju tat-trasparenza u joħloq fiduċja fost dawk kollha involuti, inkluża/i l-komunità/komunitajiet li hija/huma affettwata/i mir-riżultati tal-azzjoni;
- jiġi stabbilit skambju kontinwu u trasparenti mal-parteċipanti kollha, billi jiġi artikolat b'mod ċar is-sinifikat tal-kontribut tagħhom u jiġi pprovdut għarfien trasparenti dwar kif se jintużaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom;
- jintuża lingwaġġ aċċessibbli u inklużiv u jiġi ffaċilitat l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni u riżorsi ta' kwalità għolja, anki billi jiġi pprovdut taħriġ xieraq (pereżempju dwar il-ġestjoni tad-*data*, l-għarfien ta' sfond u l-proprietà intellettwali) meta jkun meħtieġ.

3.3. **Huwa rrakkomandat li jiġi definit il-metodu uniku xieraq jew taħlita ta' metodi u għodod għall-implimentazzjoni (eż. laboratorji ħajjin, pjattaformi deliberattivi, hackathons, konsultazzjonijiet, eċċ.), b'mod partikolari billi:**

- jiġi mmirat li jinkiseb l-aħjar tqabbil bejn l-oġettivi tal-azzjoni, il-grupp fil-mira, l-istadju tal-involvement, ir-riżorsi u l-kuntest speċifiku, u l-karatteristiċi ta' metodi/għodod differenti meta jintgħażel il-metodu jew tintgħażel taħlita ta' metodi u għodod;
- jintużaw l-aħjar prattiki u l-linji gwida magħrufa u jsir il-bini fuq l-għarfien espert, in-networks u l-għodod eżistenti ⁽²⁴⁾;
- jinżamm l-għarfien emerġenti mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' involvement taċ-ċittadini u jiġu kondiviżi l-prattiki u t-tagħlimiet meħuda għall-benefiċċju ta' komunità dejjem tikber ta' involvement taċ-ċittadini għall-prattikanti tal-valorizzazzjoni tal-għarfien.

3.4. **Sabiex tiġi żviluppata u implimentata strateġija ta' komunikazzjoni xierqa għall-azzjoni ta' involvement, huwa rrakkomandat li:**

- jiġu pprovduti materjali ta' komunikazzjoni mmirati u aġġornamenti lill-atturi kollha involuti, filwaqt li jiġu spjegati b'mod ċar ir-rwol tagħhom, l-eżiti mistennija, il-benefiċċji, eċċ.
- jiġi kkomunikat b'mod ċar l-impatt soċjali u ekonomiku potenzjali biex tissaħħaħ is-sjeda tal-parteċipanti kollha;
- issir komunikazzjoni matul il-proċess kollu minflok ma ssir enfasi biss fl-istadji tal-bidu bħala għodda ta' informazzjoni u reklutaġġ;
- jiġu żgurati ċ-ċarezza u t-trasparenza fil-messaġġi lill-parteċipanti u lill-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-involvement ta' professjonisti fil-komunikazzjoni tax-xjenza jekk ikun possibbli;
- jinżamm kanal miftuħ għall-feedback bejn l-organizzaturi, iċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħrajn li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-azzjoni, li hija kkomunikata b'mod ċar sa mill-bidu nett, u li jista' jtejjeb il-qafas ta' kollaborazzjoni, filwaqt li t-talbiet għal feedback miċ-ċittadini u minn parteċipanti oħrajn jinżammu maniġġabbli;
- issir komunikazzjoni "l barra", barra mill-proġett ta' riċerka jew mill-proċess ta' ħolqien konġunt, lil udjenza usa'; dan jinkludi l-enfasizzar ta' stejjer ta' suċċess u ta' eżiti pożittivi li jirriżultaw mill-involvement taċ-ċittadini fil-valorizzazzjoni tal-għarfien biex jispiraw lil oħrajn u jipprovdut eżempji prattiċi għal inizjattivi futuri.

⁽²⁴⁾ Ara, pereżempju, Climathon (climate-kic.org). Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Pottaki, I., *Valorising research through citizens' engagement – How to run hackathons with citizens*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

- 3.5. **Huwa rrakkomandat li jiġi sfruttat il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet ta' involviment taċ-ċittadini, speċjalment billi jiġu konnessi l-parteciċipanti minn ħafna reġjuni, permezz ta':**
- il-promozzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet diġitali b'disinn iċċentrat fuq il-bniedem u sostenibbli;
 - l-ġoti tas-setgħa liċ-ċittadini permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ biex jużaw pjattaformi diġitali xierqa;
 - l-użu ta' teknoloġiji diġitali flimkien ma' teknoloġiji tradizzjonali, fejn xieraq, biex jiżdiedu l-parteciċipazzjoni u l-inklużività.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Iliana IVANOVA
Membru tal-Kummissjoni
